**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 1 ta' Settembru 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Ray Aquilina**
**VS**
**Nureddin Mohamed A. Shaibi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nureddin Mohammed A. Shaibi ta' 45 sena, bin Mohamed u Turkiya nee' elmehrem mwieled Gerjen, Libja nhar 3 ta' Lulju 1970, residenti Ecopark, Triq Edgar Bernard, Gzira u detentur tal-Karta tal-Identita' 816574A, in rapprezentanza ta' Mayar International Ltd liema kumpanija ghandha numru ta' registrazzjoni C60781 u li ghandha l-indirizz registarat bhala Office No. 8, Leopardi Buildings, Triq tal-Balal, San Gwann;

Talli f'dawn il-gzejjer bejn gunju 2015 u Lulju 2015 b'diversi atti maghmulin fi zminijiete differenti izda li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju jew beneficcji ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument jew dokumenti mahsub jew mahsuba ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni

jew dikjarazzjonijeit jew stqarrija jew stqarrijiet falza jew foloz jew ta taghrif falz;

2) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostnazi, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’ Malta jew barra minn Malta bil-ghan li taghmel delitt f’ Malta li ghali hemm il-piena ta’ prigunerija u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa ikun hati tar-reat ta’ assocjazzjoni biex jaghmel dak ir-reat;
3) Kif ukoll talli fl-istes perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) Kif ukoll talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti iehor falsifikat mhux imsemmija fl-artikoli 188 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 188, 48A, 184 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**